**Ċ3.3.5**
nidentifikaw każi meta persuni ma jkunux f'pożizzjoni li jissodisfaw il-bżonnijiet bażiċi tagħhom

**A. Aqra l-profil ta' dawn it-tfal:**



Svetlana hija tifla Russa. Il-mama' u l-papa' tagħha mietu f'inċident tat-traffiku meta hija kellha sentejn. Għalhekk, hija tgħix f'istitut tas-sorijiet.



Alannah tgħix l-Isvezja. Il-papa' u l-mama' tagħha jaħdmu ħinijiet twal ħafna. Għalhekk hija tqatta' kważi l-ħin kollu f'ċentru għat-tfal. Hija tmur id-dar biss biex torqod.



Chin huwa tifel Ċiniż. Il-mama' tiegħu ma tiflaħx serjament. Chin ifalli l-iskola ta' spiss biex joqgħod jieħu ħsieb ommu. Ħbieb m'għandux għax iqatta' ħafna ħin id-dar waħdu mal-mama'.



Matu joqgħod il-Kenja. Huwa jixtieq jitgħallem l-iskola, iżda l-iskola qegħda l-bogħod wisq, u Matu m'għandux karozza. Id-dar ħadd ma jaf jikteb u jaqra, għalhekk ħadd ma jista' jgħinu fl-edukazzjoni tiegħu.

*Claire Amato*

B. **<u>Aqta' sing taħt il-bżonnijiet li jonqoshom xi wħud minn dawn it-tfal:</u>**

- ✓ l-edukazzjoni
- ✓ ikel bnin
- ✓ flus
- ✓ xorb nadif
- ✓ ħin għal-logħob
- ✓ ħin ta' kwiet
- ✓ ħbieb

Ċ. Xi tfal mit-tielet sena kitbu lista ta' bżonnijiet materjali li jħossu li għandhom bżonn.

**<u>Kompli t-tabella b'nomi fis-singular jew fil-plural:</u>**

| Singular | Plural |
|---|---|
| **kulur** | |
| **ġugarell** | |
| **karta** | |
| | **temprini** |
| **flokk** | |
| | **lapsijiet** |
| | **ġerżijiet** |
| | **xorzijiet** |
| **gomma** | |
| **sodda** | |
| **frotta** | |

**<u>Ċ. Imla dawn il-qlub b'noti qosra ta' ringrazzjament lejn xi persuni li jipprovdulek il-bżonnijiet tiegħek.</u>**





